MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 1230/1998/1

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentanza tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Grech u b'nota tal-10 ta' Mejju 2000 s-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta assikuratrici estera CGU Insurance plc gia General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Joseph Grech assumiet l-atti.**

**Vs**

**Simon Cremona**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fid-19 ta' Jannar 1998 fil-limiti tal-Gudja waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru. KAT 652, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mal-vettura numru CAL 931 propjieta ta' assikurat tal-attur, Joseph Grech u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm175.00) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici dik s-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali tas-7 ta' April 1998, u ta' ittra ufficjali ppresentata mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (a fol 5 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz prezenti ghandhom jigu respinti fil-konfront ta' l-eccipjenti, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-eccipjenti, izda sehh unikment minhabba traskuragni, negigenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Steven Grech, li kien qed isuq il-vettura propjeta' ta' l-assigurat tas-socjeta attrici fil-hin ta' l-incident, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi l-assikurat tas-socjeta attrici nomine Stephen Grech spjega (ara l-affidavit sottomess minnu a fol 25 u fol 21 ibid) illi ghall-habta tan-12.30a.m. hu kien hiereg mill-parkegg tal-Ajruport fil-Gudja. Hu kien qed jsuq il-karozza “Ford Fiesta” numru CAL 931 u kellu mieghu bhala passiggiera, lil Liza Cachia. Quddiema, hu ra li, kien hemm karozza ohra bin-numru KAT (jew J) 652 u misjuqa mill-konvenut. Kif wasal vicin il-hrug mill-istess parkegg, il-karozza li kienet quddiemi waqfet u ghalhekk hu waqaf madwar hames (5) metri il-boghod, wara l-ohra. Hawnhekk, u f’daqqa wahda, il-konvenut indjetregga l-karozza misjuqa minnu u avolja ix-xhud daqq il-“horn”, din kompliet tersaq lura sakemm habtet gol-karozza tal-istess xhud. Meta l-konvenut hareg mill-karozza misjuqa minnu, wara l-habta, hu skuza ruhu max-xhud izda jidher li ta’ versjoni differenti lill-Pulizija li gew fuq il-post (ara dwar il-versjoni moghtija mill-konvenut lill-Pulizija, il-kopja tar-rapport a 14 tal-istess atti). Dwar dak li xehed Stephen Grech, jigi notat li, kif risultanti mill-istess rapport kien hemm Timothy Sullivan u l-istess Liza Cachia li kkoraboraw dak li kien qal l-istess Stephen Grech. Inoltre, kien hemm presenti, ukoll, missier l-istess Liza Cachia, George Cachia, li kien sema’ lill-konvenut jghid li l-incident in esami kien tort tieghu peress li kien ghamel il-manuvra kif deskritta u habat mal-istess Stephen Grech. Pero’ jinghad ukoll li dawn it-tlett xhieda ma gewx prodotti sabiex jikkonfermaw dak li kienu stqarru lill-istess Pulizija, fuq il-post tal-incident.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher a fol 34 u fol 35 tal-atti, il-konvenut meta xehed, cahad li kien waqaf u indjetregga il-vettura misjuqa minnu. Dwar dan hu qal testwalment “Jiena fl-ebda hin ma mxejt lura ghax lanqas kelli biss ghalfejn” u “Kif kont

(wieqaf) qed nara t-tabelli (ossija sinjali) smajt daqqa fuq wara tal-karozza tieghu”.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-premess, jidher car li l-Qorti hi rinfaccjata b’zewg versonijiet tal-fatti konfliggenti bejniethom u ugwalment verosimili fuq basi ta’ probabilita’. F’dawn ic-cirkostanzi, u fin-nuqqas ta’ xi provi ohra indipendenti mill-partijiet direttament involuta, l-istess Qorti ma tistax tara kif ghandha takkolji t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess socjeta’ attrici nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------